



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Mejju 2023
(OR. en)

9254/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0139(NLE)

ENV 484
MAR 74

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Mejju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 236 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin tal-Atlantiku tal-Grigal fir-rigward tal-emendi tad-Deċiżjoni dwar id-delineazzjoni u r-Rakkomandazzjoni dwar il-ġestjoni taż-Żona Marina Protetta tal-Kurrent tal-Atlantiku tat-Tramuntana u tal-Baċir tal-baħar Evlanov (MPA tan-NACES)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 236 final.

Mehmuż: COM(2023) 236 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.5.2023
COM(2023) 236 final

2023/0139 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin tal-Atlantiku tal-Grigal fir-rigward tal-emendi tad-Deċiżjoni dwar id-delineazzjoni u r-Rakkomandazzjoni dwar il-ġestjoni taż-Żona Marina Protetta tal-Kurrent tal-Atlantiku tat-Tramuntana u tal-Baċir tal-baħar Evlanov (MPA tan-NACES)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kummissjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin tal-Atlantiku tal-Grigal b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' Deċiżjoni li temenda d-Deċiżjoni 2021/01 dwar l-istabbiliment taż-Żona Marina Protetta tal-Kurrent tal-Atlantiku tat-Tramuntana u tal-Baċir tal-baħar Evlanov (MPA tan-NACES) biex jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tal-konservazzjoni tagħha u Rakkomandazzjoni li temenda r-Rakkomandazzjoni 2021/01 dwar il-ġestjoni tal-MPA tan-NACES skont il-Konvenzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent marin tal-Atlantiku tal-Grigal (il-“Konvenzjoni OSPAR”).

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni OSPAR

Il-Konvenzjoni OSPAR għandha l-għan li tipproteġi ż-żona marittima tal-Grigal tal-Atlantiku mill-effetti negattivi tal-attivitajiet tal-bniedem biex tissalvagwardja s-saħħa tal-bniedem u tippreżerva l-ekosistemi marini u, meta jkun fattibbli, tirrestawra ż-żoni marini, li jkunu ntlawt ħażin. Għandha 16-il Parti Kontraenti: il-Belġju, id-Danimarka, l-UE¹, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Iżlanda, l-Irlanda, in-Netherlands, in-Norveġja, il-Portugall, Spanja, l-Iżvezja, ir-Renju Unit, il-Lussemburgu u l-Iżvizzera. Il-Konvenzjoni kienet miftuħa għall-iffirmar f'Pariġi waqt il-Laqgħa Ministerjali tal-Kummissjonijiet ta' Oslo u ta' Pariġi fit-22 ta' Settembru 1992 u daħlet fis-seħħ fil-25 ta' Marzu 1998.

2.2. Il-Kummissjoni OSPAR

Il-Kummissjoni OSPAR, stabbilita skont l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni, hi magħmula minn rappreżentanti ta' kull waħda mill-Partijiet Kontraenti; tiltaqa' f'intervalli regolari, u f'każ ta' ċirkostanzi speċjali, kull meta jkun meħtieġ. Il-kompiti tagħha jinkludu s-supervizzjoni tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni u r-rieżami tal-kundizzjoni taż-żona marittima, l-effettività tal-miżuri li qed jiġu adottati, il-prijoritajiet u l-ħtieġa għal kwalunkwe miżura addizzjonali jew differenti.

Skont l-Artikolu 20 tal-Konvenzjoni, kull Parti Kontraenti għandha vot wieħed fil-Kummissjoni. L-UE hi intitolata għal numru ta' voti skont l-għadd tal-Istati Membri tagħha li huma Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni. L-UE ma għandhiex teżerċita d-dritt tal-vot tagħha meta l-Istati Membri tagħha jeżerċitaw id-dritt tagħhom, u viċeversa.

Skont l-Artikolu 15(3) tal-Konvenzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta l-emendi tal-Konvenzjoni b'vot unanimu tal-Partijiet Kontraenti.

2.3. L-atti previsti tal-Kummissjoni OSPAR

Fl-1 ta' Ottubru 2021 waqt is-segment ministerjali tal-24 laqgħa annwali tagħha, il-Kummissjoni OSPAR adottat id-Deċiżjoni OSPAR 2021/01 dwar l-istabbiliment taż-Żona Marina Protetta tal-Kurrent tal-Atlantiku tat-Tramuntana u tal-Baċir tal-baħar Evlanov (MPA) u r-Rakkomandazzjoni 2021/01 dwar il-ġestjoni tagħha. Fl-istess ħin, ġie deċiż ukoll li l-kamp ta' applikazzjoni tal-konservazzjoni tal-MPA jeħtieġ li jiġi rieżaminat fil-futur, bil-ħsieb li jiġi estiż. Abbażi tal-proċess ta' rieżami mniedi fl-OSPAR fl-2022, issa qed jiġi propost li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-konservazzjoni tal-MPA sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/249/KE tas-7 ta' Ottubru 1997 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni għall-ħarsien tal-ambjent marittimu tal-Grigal tal-Atlantiku (ĠU L 104, 3.4.1998, p. 1)

tagħha billi jiġu inklużi speċijiet u habitats addizzjonali kif ukoll qiegħ il-baħar, qiegħ l-oċean u s-sottoswol tagħhom.

Deċiżjoni li temenda d-Deċiżjoni 2021/01 (id-“Deċiżjoni prevista”) u Rakkomandazzjoni li temenda r-Rakkomandazzjoni 2021/01 (ir-“Rakkomandazzjoni prevista”) qed jiġu ffinalizzati fl-OSPAR (flimkien imsejħa “atti previsti”).

L-unika emenda sostanzjali fl-atti previsti, hija l-espansjoni tal-kamp ta’ applikazzjoni tal-konservazzjoni u l-oġettivi tal-MPA lil hinn mill-protezzjoni tal-għasafar tal-baħar u l-ekosistemi tal-ilmijiet sovrastanti ta’ qiegħ il-baħar (diġà koperti mid-Deċiżjoni u r-Rakkomandazzjoni OSPAR eżistenti). Din l-espansjoni għandha l-għan li żżomm u, fejn xieraq, tirrestawra mhux biss il-popolazzjonijiet tal-għasafar tal-baħar, iżda b’mod aktar wiesa’, anki l-bijodiversità marina u l-integrità tad-diversi ekosistemi kif ukoll il-funzjonijiet u l-proċessi tagħhom fi ħdan l-MPA.

Id-Deċiżjoni testendi l-kamp ta’ applikazzjoni tal-konservazzjoni tal-MPA tan-NACES eżistenti u tindika l-koordinati ġeografiċi (latitudni/lonġitudni) tal-konfini tagħha. Ir-Rakkomandazzjoni li temenda r-Rakkomandazzjoni 2021/01 dwar il-Ġestjoni tal-MPA tan-NACES għandha l-għan li tiggwida lill-Partijiet Kontraenti tal-OSPAR fl-adozzjoni tal-miżuri għaż-żamma u, fejn xieraq, ir-restawr tal-popolazzjonijiet tal-għasafar tal-baħar, il-bijodiversità marina u l-integrità tad-diversi ekosistemi, u l-funzjonijiet u l-proċessi tagħhom fi ħdan l-MPA, f’konformità mal-oġettivi ġenerali u speċifiċi tal-konservazzjoni stabbiliti fl-Anness ta’ din ir-Rakkomandazzjoni.

L-analiżijiet xjentifiċi ta’ appoġġ huma ppreżentati f’dokument komprensiv ippubblikat fis-sit web tal-OSPAR². L-MPA tan-NACES hija l-akbar MPA fin-network tal-OSPAR u tkopri madwar 600,000 km² (żona kbira daqs Franza). Hija t-tmien MPA deżinjata kollettivament fiż-żona lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali fiż-żona marittima tal-OSPAR.

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTEĦED F’ISEM L-UNJONI

Il-ħtieġa għall-protezzjoni tal-bijodiversità u l-ekosistemi marini, inkluż fiż-żoni marittimi lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali, ġiet rikonoxxuta ripetutament. L-oġettiv li jiġu protetti mill-inqas 30 % tal-ibħra tal-UE, li terz minnhom huma taħt protezzjoni stretta, intlaqa’ tajjeb mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-UE għall-bijodiversità għall-2030, li ġew adottati f’Ottubru 2020. Jenfasizzaw ukoll li dan huwa oġettiv li għandu jintlaħaq mill-Istati Membri b’mod kollettiv u jirrikonoxxu l-ħtieġa urġenti li jiżdiedu l-isforzi biex tiġi żgurata l-ġestjoni effettiva taż-żoni protetti kollha, li jiġu definiti oġettivi u miżuri ċari tal-konservazzjoni, u li jiġu mmonitorjati u msaħħa kif xieraq. Barra minn hekk, il-Konklużjonijiet jenfasizzaw l-importanza li jinstabu sinerġiji u kobenefiċċji mal-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali relatati mal-bijodiversità, bħall-OSPAR, u li jiġu integrati l-kunsiderazzjonijiet u l-għanijiet tal-bijodiversità fil-proċessi internazzjonali u reġjonali rilevanti. F’dan il-kuntest, il-Konklużjonijiet ikkonfermaw l-appoġġ tal-UE għall-konklużjoni ta’ ftehim internazzjonali ambizzjuż legalment vinkolanti dwar id-diversità bijoloġika marina taż-żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali (BBNJ) skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) fl-2021.

F’Diċembru 2022, il-15-il Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB) adottat il-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta’ Kunming-Montreal, inkluż il-mira 3 li “jiġi żgurat u possibbli li sal-2030, tal-inqas 30 % taż-żoni terrestri, tal-ilmijiet interni, dawk kostali u tal-baħar, speċjalment żoni ta’ importanza partikolari għall-

² L-aħħar verżjoni disponibbli fuq:

[01_naces_rev_nomination_proforma_20221201_version_for_consultation.pdf\(ospar.org\)](https://ospar.org/01_naces_rev_nomination_proforma_20221201_version_for_consultation.pdf)

bijodiversità u l-funzjonijiet u s-servizzi tal-ekosistema, jiġu kkonserwati u ġestiti b'mod effettiv permezz ta' sistemi ta' żoni protetti ekoloġikament rappreżentattivi, konnessi sew u rregolati b'mod ekwu, u permezz ta' miżuri effettivi oħra ta' konservazzjoni bbażati fuq iż-żona...". L-UE u l-Istati Membri kollha huma Parti tal-KDB.

Fid-dawl tal-laqgħa tal-Kummissjoni OSPAR bejn is-26 u t-30 ta' Ġunju 2023, hija meħtieġa pożizzjoni tal-Unjoni peress li d-Deċiżjoni prevista hija test legalment vinkolanti. Anki jekk ir-Rakkomandazzjoni prevista ma tkunx legalment vinkolanti, huwa propost li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkopri ż-żewġ atti previsti minħabba l-fatt li huma relatati mill-qrib u huwa previst li jiġu adottati flimkien. Peress li dawn l-atti previsti se jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-impenji u l-ambizzjonijiet internazzjonali tal-UE u jtejbju l-protezzjoni tal-ambjent, huwa propost li l-Unjoni tappoġġa l-adozzjoni tad-Deċiżjoni prevista u tar-Rakkomandazzjoni prevista.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi li *“il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni jew tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u ta' Politika ta' Sigurtà għandu jadotta deċiżjoni [...] li tistabbilixxi l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim”*.

Il-kunċett ta' *“atti li jkollhom effetti legali”* jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tal-liġi internazzjonali li jirregolaw il-korp ikkonċernat.

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Il-Kummissjoni OSPAR hi korp stabbilit bi ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni OSPAR.

Id-Deċiżjoni li l-Kummissjoni OSPAR hija mitluba tadotta, tikkostitwixxi att li għandu effetti legali, minħabba li d-Deċiżjonijiet OSPAR kollha huma legalment vinkolanti għall-Partijiet Kontraenti, skont il-Konvenzjoni OSPAR (Artikolu 13§2). Għalkemm ir-Rakkomandazzjonijiet mhumiex legalment vinkolanti, f'dan il-każ, ir-Rakkomandazzjoni OSPAR dwar il-Ġestjoni tal-MPA tan-NACES hija relatata mill-qrib mad-Deċiżjoni OSPAR dwar id-delineazzjoni u għalhekk jixraq li dawn jiġu koperti bl-istess deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni.

L-atti previsti ma jissupplimentawx jew ma jemendawx il-qafas istituzzjonali tal-Konvenzjoni OSPAR.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hi l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi qabelxejn fuq l-oġettiv u l-kontenut tal-att previst li tittieħed pożizzjoni fir-rigward tiegħu f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew minn dawk il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement wieħed inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tal-ambjent.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hi l-Artikolu 192(1) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-Deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin tal-Atlantiku tal-Grigal fir-rigward tal-emendi tad-Deċiżjoni dwar id-delineazzjoni u r-Rakkomandazzjoni dwar il-ġestjoni taż-Żona Marina Protetta tal-Kurrent tal-Atlantiku tat-Tramuntana u tal-Baċir tal-baħar Evlanov (MPA tan-NACES)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin tal-Atlantiku tal-Grigal³ ("il-Konvenzjoni"), li l-Unjoni hija Parti Kontraenti tagħha, daħlet fis-seħħ fil-25 ta' Marzu 1998.
- (2) Skont l-Artikolu 10(3) tal-Konvenzjoni, il-Kummissjoni stabbilita bl-Artikolu 10(1) tal-Konvenzjoni ("il-Kummissjoni OSPAR") tista' tadotta Deċiżjonijiet u Rakkomandazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni.
- (3) Fl-1 ta' Ottubru 2021 waqt is-segment ministerjali tal-24 laqgħa annwali tagħha, il-Kummissjoni OSPAR adottat id-Deċiżjoni OSPAR 2021/01 dwar l-istabbiliment taż-Żona Marina Protetta tal-Kurrent tal-Atlantiku tat-Tramuntana u tal-Baċir tal-baħar Evlanov u r-Rakkomandazzjoni 2021/01 dwar il-ġestjoni tagħha⁴. Fl-istess ħin, ġie deċiż ukoll il-kamp ta' applikazzjoni tal-konservazzjoni tal-MPA jeħtieġ li jiġi rieżaminat, bil-ħsieb li jiġi estiż.
- (4) Dan ir-rieżami twettaq u wassal għad-Deċiżjoni prevista tal-Kummissjoni OSPAR li temenda d-Deċiżjoni OSPAR 2021/01 dwar l-istabbiliment u r-Rakkomandazzjoni prevista li temenda r-Rakkomandazzjoni OSPAR 2021/01 dwar il-ġestjoni taż-Żona Marina Protetta tal-Kurrent tal-Atlantiku tat-Tramuntana u tal-Baċir tal-baħar Evlanov ("MPA tan-NACES"). Il-Kummissjoni OSPAR għandha tadotta din id-Deċiżjoni prevista u din ir-Rakkomandazzjoni prevista matul is-26 sessjoni/laqgħa tagħha fis-26 ta' Ġunju 2023.

³ ĠU L 104, 3.4.1998, p. 2.

⁴ Il-pożizzjoni tal-Unjoni tinsab fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1796 tat-28 ta' Settembru 2021 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kummissjoni stabbilita mill-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin tal-Atlantiku tal-Grigal fir-rigward ta' deċiżjoni dwar l-istabbiliment taż-Żona Marina Protetta tal-Kurrent tal-Atlantiku tat-Tramuntana u tal-Muntanja Sottomarina Evlanov (l-"MPA tan-NACES") u rakkomandazzjoni dwar il-ġestjoni tal-MPA tan-NACES (ĠU L 361, 12.10.2021, p.46).

- (5) Id-Deċiżjoni prevista tal-Kummissjoni OSPAR testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-konservazzjoni tal-MPA tan-NACES eżistenti u tindika l-koordinati ġeografiċi (latitudni/lonġitudni) tal-konfini tagħha.
- (6) Ir-Rakkomandazzjoni prevista tal-Kummissjoni OSPAR għandha l-għan li tiggwida lill-Partijiet Kontraenti fl-azzjonijiet tagħhom u fl-adozzjoni tal-miżuri biex jintlaħqu l-oġettivi tal-konservazzjoni riveduti, skont il-kamp ta' applikazzjoni tal-konservazzjoni estiż tad-Deċiżjoni prevista, stabbiliti fl-Anness tar-Rakkomandazzjoni.
- (7) Hemm rabta mill-qrib bejn iż-żewġ atti previsti tal-Kummissjoni OSPAR u, għalhekk, jixraq li dawn jiġu koperti bl-istess pożizzjoni tal-Unjoni.
- (8) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kummissjoni OSPAR, peress li d-Deċiżjoni li se tittieħed mill-Kummissjoni OSPAR se tkun vinkolanti għall-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fis-26 sessjoni/laqgħa tal-Kummissjoni OSPAR għandha tkun li tappoġġa l-adozzjoni ta' Deċiżjoni li temenda d-Deċiżjoni 2021/01 dwar l-istabbiliment taż-Żona Marina Protetta tal-Kurrent tal-Atlantiku tat-Tramuntana u tal-Baċir tal-baħar Evlanov billi testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-konservazzjoni tagħha, u li tappoġġa l-adozzjoni ta' Rakkomandazzjoni li temenda r-Rakkomandazzjoni OSPAR 2021/01 dwar il-ġestjoni taż-Żona Marina Protetta tal-Kurrent tal-Atlantiku u tal-Baċir tal-baħar Evlanov billi testendi l-oġettivi tal-konservazzjoni tagħha.

Artikolu 2

Jista' jintlaħaq qbil biex tiġi rfinata l-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1, fid-dawl tal-iżviluppi fis-26 laqgħa tal-Kummissjoni OSPAR, mir-rappreżentanti tal-Unjoni, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri waqt laqgħat ta' koordinazzjoni fuq il-post, mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*